MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru. 420/2001

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
JOSEPH COMPAGNO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Compagno ta’ 19 il-sena bin Wilfred u Beverly Claire nee Hodge, imwieled il-Pieta fil-25 ta’ Gunju 1982 u li joqghod Dar Suret il-Bniedem, 114, St Albert Street, Gzira detentur tal-karta tal-identita numru 405382M talli f’Tas-Sliema fis-17 ta’ Gunju 2001 ghal habta tal-11.15pm u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti  u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u cioe talli:-

Bil-hsieb li jisraq vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAJ 173 u vettura tal-marka Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni JAI 439 wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-

delitt billi wara li rnexxielu jidhol f'dawn iz-zewg vetturi, pprova jikkonnettja il-wires ma xulxin halli jistartjahhom, liema serq ma gietx esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq kien aggravat bil-hin, bil-valur li ma jeccedix Lm1000 maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment tas-socjeta tal-Patrijiet tas-Salesjani.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsarat fil-vettura tal-marka Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAJ 173, fil-vettura tal-marka Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni JAI 439 u fl-iskola St Patrick f'Tas-Sliema, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin u li dan sar ghad-detriment tas-socjeta tal-Patrijiet tas-Salesjani.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 42, 161, 267, 270, 271, 325 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer addatata ghal-imputat., filwaqt li tigbed l-attenzjoni tal-istess direttur tal-probation services li l-probation officer MaryGrace Vella kien diga qed tissorvelja lill-imputat.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-imputat ghandu jibda u jispicca programm ta’ riabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------